MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2010

Numru 895/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs.**

**Noel Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Noel Agius ta' 32 sena, bin Joseph Mary u Carmelina neè Attard, imwieled San Giljan fil-21 ta' Jannar 1978, residenti f'25, Hilltop Mansions, Flat 2, Sqaq Zbibu, San Gwann, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 73478(M) talli: f'dawn il-Gzejjer, bejn it-28 ta' Settembru 2009 u t-8 ta' Frar 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lil Joseph Mary Agius, Sindku tal-lokalita' ta'

San Gwann, fl-atti illi bihom dan, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd; kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, talab, irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi Joseph Mary Agius, Sindku tal-lokalita' ta' San Gwann.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill- imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll il-fatt li l-istess imputat huwa dispost li jkompli jghin lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjuri dwar dan il-kaz;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 42(d), 115 (a), 119 u 121 A (2) tal-Kap.9 u rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap.9 tal-Ligijiet tal-Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn habs izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi, partikolarment fid-dawl ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li huwa dispost ikompli jghin lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjuri taghhom dwar dan il-kaz,

hemm lok li tinghata sentenza sospiza, a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sentejn habs ghal erba' snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre a tenur ta' l-Art.119 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-interdizzjoni generali perpetwa ta' l-imputat.

Il-Qorti tordna li Registratur jiehu hsieb il-pubblikazzjoni ta' din is-sentenza fil-Gazzetta tal-Gvern u li tigi wkoll insinwata fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------